11 ta' Diċembru, 1964.

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Rosa armla minn Spampinato-Tabone ne

*versus*

Joseph Falzon

## XHIEDA — KONVINCIMENT TAL-ĠUDIKANT.

*Ma hemm ebda motiv fil-liġi il għaliex għandha tiġi eskluża a priori it-testimonjanza ta' persuna waħda. Il-liberu apprezzament tad-depożizzjonijiet tax-xhieda hu mħolli lill-arbitrju prudenti tal-ġudikant li ma għandu isegwi ebda kriterju ieħor ħlief dak tal-konvinzjoni intima tiegħu, jiġifieri taċ-ċertezza morali; però r-raġuni naturali trid illi meta ma jkunx hemm ħlief it-testimonjanza ta' persuna waħda il-ġudikant għandu jipproċedi b'prudenza kbira fl-apprezzament tagħha, u jipponderha sewwa billi jivvaluta ċ-ċirkostanzi kollha proprji biex jikkoroboraw jew jaffievolixxu l-motivi tal-kredibilità tiegħu.*

Il-Qorti. Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi talbet illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas is-somma ta' mitejn, tlieta u tmenin lira, tmien xelini u sitt soldi (£283. 8.6), bilanċ ta' somma akbar għal prezz u xogħol ta' rham imqiegħed fl-istabiliment tal-konvenut il-Floriana, St. Anne Square, imsejjaħ "London Confectioner", skond il-

kont unit maċ-ċitazjoni (Dokument A), bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi huwa m'għandu jagħti xejn lill-attriċi billi l-irħam u x-xogħol indikat fiċ-ċitazzjoni ġew kollha mħallsin minnu.

Rat id-digriet tal-wieħed u għoxrin ta' Mejju, 1953, li bih ġie nominat bħala perit il-marmista Carmelo Micallef biex jistabilixxi x-xogħol li għamel żewġ l-attriċi; jekk għalih ġiex imħallas mill-konvenut, u f'każ negativ, sabiex jindika liema huma x-xogħolijiet li tagħhom m'hux imħallas u dan skond il-ftehim, fuq liema ftehim kellu jirrelata l-Avukat Dottor Carmelo Vassallo li ġie nominat biex jassisti lill-perit;

Rat ir-relazzjoni tal-periti u r-relazzjoni addizjonali tagħhom.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq indikata fis-sitta u għoxrin ta' Mejju, 1964 li biha t-talba ġiet milqugħa limitatament għal mija u wieħed u għoxrin lira, għaxar xelini u tlett soldi (£121.10.3) bl-ispejjeż in kwantu għal erbgħa minn sebgħa (4/7) pagabili mill-attriċi u tlieta min sebgħa (3/7) mil-konvenut — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:

Illi l-periti waslu għall-konklużżjoni illi ma kienx hemm ftehim fuq il-prezz tax-xogħol esegwit min żewġ l-attriċi u għalhekk l-ammont dovut mill-konvenut kellu jkun ta' ħames mija u wieħed u sebgħin lira, għaxar xelini u tlett soldi (£571.10.3), li minnu jrid jonqos tlett mitt lira (£300) ġa mħallsa mill-konvenut u għoxrin lira (£20)

imħallas wkoll mill-konvenut għal xogħolijiet preparatorji u li għalihom kien tenut żewġ l-attriċi ċioe mitejn u wieħed u ħamsin lira, għaxar xelini u tlett soldi (£251. 10.3) u li ebda ammont ieħor ma kellu dritt inaqqas il-konvenut. Illi l-konvenut xehed illi Spampinato kien tah il-prezz tax-xogħol in kwistjoni ċioe kien għamillu żewġ stimi skond id-dokument "M" minnu eżibit u minnu huwa għażel l-ogħla ċioe dak ta' tlett mija u għoxrin lira (£320). Dan id-dokument huwa karta bil-"letterhead" ta' Spampinto-Tabone u kien b'kalligrafija tal-istess Spampinato-Tabone. Il-konvenut xehed illi meta l-irħam ġie Malta, Spampinato mar għandu u wara xi żmien beda x-xogħol. Wara l-ftehim fuq il-prezz ta' tlett mija u għoxrin lira (£320) qatt ma kien hemm tibdil fil-ftehim u Spampinato qatt ma qallu illi kien ġieh irħam ta' kwalita differenti minn dak ta' l-istima jew li l-prezz tal-irħam kien għola minn dak tal-ftehim: xehed ukoll illi huwa ma jifhemx fil-kwalita tal-irħam biss. kien jaf illi tqiegħed skond il-kuluri u d-disinn li kien ordna.

Illi Francis Falzon ir-raġel ta' oħt l-attriċi xehed illi l-kwalita tal-irħam użat ma għandux x'jaqsam ma dak imsemmi fl-istima preventiva u huwa ogħla. Mid-dokumenti esibiti rriżulta illi, għal xi raġuni li qatt ma ġiet spjegata, Spampinato kiteb lid-Ditta fornitriċi tal-irħam, Carrara, fejn qallha illi l-proġett originali kien ġie rimpjazzat u huwa bagħat disinn ġdid għall-kwotazzjoni tal-prezz relativ. Dana kien fis-sbatax ta' Settembru, 1919, mentri l-istima Dokument "M" kellu fuqu żewġ dati waħda "Carrara" 8 April, 1949, u l-oħra "Malta" 14 April, 1949. Il-prezz kien mitejn u tletin lira (£230) F.O.B. Livorno kif jirriżulta wkoll mill-fattura. Skond ix-xhieda ta'

l-Agent tad-Ditta ta' Carrara u dik Anastasio Anastasi, l-irħam tal-ewwel proġett kien jiswa biss mija u sittin lira (£160). L-aġent kien jirċevi istruzzjonijiet mingħand Spampinato u l-konvenut ma kellu ebda kuntratt dirett miegħu.

Illi l-periti waslu għall-konklużjoni illi l-konvenut ma kienx irnexxielu jipprova illi l-ftehim kien ta' mitejn u tletin lira (£230); (1) għaliex l-irħam kien ta' kwalita differenti minn dak imsemmi fl-istima; (2) għaliex kien hemm tibdil fl-ordni. Il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan ir-raġunament huwa korrett. Huwa fatt illi l-konvenut wasal biex jipprova illi kien hemm stima preventiva ta' mitejn u tletin lira (£230) miktuba minn Spampinato. Għalhekk hija l-attriċi li għandha tipprova l-għala x-xogħol ma sarx bl-irħam pattwit u l-għala sar tibdil fil-proġett oriġinali. Il-konvenut ma ħax parti fit-tibdil tal-ordni li sar direttament minn Spampinato lid-Ditta ta' Carrara. Wara l-presentata tar-rapport il-konvenut reġa xehed quddiem il-Qorti illi huwa ma għamel ebda alterazzjoni wara li aċċetta din l-offerta u Spampinato qatt ma qal illi l-offerta ta' tlett mija u għoxrin lira (£320) kienet tbiddlet. Reġa rripeta quddiem il-perit meta l-inkartament reġa ġie rimess lilhom illi hu qatt ma kellu ebda ftehim ieħor ma Spampinato u li dan qatt ma nformah illi kien biddel l-ordni oriġinali u quddiem din il-Qorti reġa kkonferma illi Spampinato qatt ma qallu illi kien sejjer jagħmel xogħolijiet illi jimportaw prezz ogħla minn dak miftehem.

Illi disgrazzjatament Spampinato miet qabel ma tlesta x-xogħol u għalhekk ma satax jixhed. Ma jiftihemx l-għala Spampinato kellu għal xejn b'xejn jordna rħam illi swielu sebgħin lira (£70) iżjed; imma jibqa dejjem l-attriċi ma wasletx biex twaqqa x-xhieda kategorika tal-konvenut illi ma kien hemm qatt tibdil fuq il-ftehim oriġinali.

Illi l-kont ma hux estratt fidil mill-kotba magħmul mill-imsemmi Falzon li ma kien qatt presenti fit-trattativi bejn Spampinato u l-konvenut, u sar wara l-mewt tal-istess Spampinato. Il-kotba qatt ma ġew prodotti. L-ammont mitlub għal "Shop Front" huwa ta' erbgħa mija u ħamsin lira (£450) li jeċċedi wkoll id-differenza ta' sebgħin lira (£70) li ħallas iżjed Spampinato għall-irħam ikkollokat anki jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni d-dazju addizjonali in vista tal-awment fil-prezz.

Illi fil-fehma tal-Qorti għaldaqstant għandu jseħħ il-ftehim oriġinali għax "shop front" u huwa dovut biss mill-konvenut il-prezz miftihem ta' tlett mija u għoxrin lira (£320).

Illi l-konvenut stess ammetta illi kellu jħallas barrani għaz-zokklatura bil-prezz ta' seba xelini (7s/-) l-pied. Skond il-kont, l-attriċi għal din il-partita qegħda tippretendi l-ammont ta' sebgħa u sittin lira sbatax il-xelin u sitt soldi (£67.17.6). Il-perit marmista llikwida dan l-ammont għal sitta u ħamsin lira (£56). Il-Qorti taqbel ma' din il-likwidazzjoni u tadottaha.

Illi l-istess kont għandu items oħra għal xi materjal addizjonali li strettament ma hux inklus fl-istima jew għal xi xogħol inkors minn Spampinato mħabba disgwid fix-xogħol kawżat mill-konvenut. Il-periti dehrilhom illi dawn l-items verament huma dovuti mill-konvenut u li l-ammont mitlub huwa xieraq. Il-Qorti osservat illi l-periti ma tantx daħlu f'dettalji dwar l-item ta' tletin lira (£30) reklamat fil-kont għal "Extra Work and Concrete due to alterations" u dehrilhom illi għandhom jammettu din il-partita għaliex huma kienu waslu għall-konklużżjoni illi dawn l-ispejjeż kienu mputabili għall-konvenut. Il-Qorti hija tal-fehma li l-

attriċi messha ġiebet aktar ġustifikazzjonijiet ta' din il-partita u kienet tkun inklinata li ma tammettix l-ammont kollu reklamat kieku ma ħadetx kunsiderazzjoni tal-fatt illi l-konvenut sejjer jibbenefika mill-kwalita superjuri tal-irħam kollokat fil-ħanut tiegħu u li tiegħu ma huwa sejjer iħallas xejn extra. Fis-sens premess u skans ta spejjeż ulterjuri l-Qorti taqbel ukoll ma din il-parti tar-relazzjoni peritali u tadottaha. Il-periti rrelataw ukoll illi l-konvenut għandu dritt inaqqas mill-ammont minnu dovut għoxrin lira (£20) għal xogħol preparatorju li normalment għandu jkun a kariku ta' marmista u li ġie mħallas mill-konvenut. Il-Qorti taqbel ma' din il-parti ta' konklużżjonijiet peritali kif taqbel ukoll ma' dak li ssottomettew il-periti illi l-konvenut ma għandux dritt jiddeduċi l-ammont ta' ħamsin lira (£50) u tletin lira, erba' xelini u disa' soldi (£30.4.9) a huwa ħallas u li għalih ma kienx responsabbli Spampinato.

Illi għaldaqstant l-ammont ta' ħames mija u wieħed u sebgħin lira, għaxar xelini u tlett soldi (£571.10.3) likwidat mill-periti bħala dovut lil Spampinato għandu jiġi modifikat billi titnaqqas minnu s-somma ta' mija u tletin lira (£130) ċioe d-differenza bejn erbgħa mija u ħamsin lira (£450) li fil-kont hija mitluba għal "supplying and fixing shop front in coloured marble", u tlett mija u għoxrin lira (£320) li hija s-somma pattwita jiġifieri total ta' erba' mija u wieħed u erbgħin lira, għaxar xelini u tlett soldi (£441.10.3). U billi l-konvenut diġa ħallas tlett mitt lira (£300) u għandu dritt inaqqas għoxrin lira (£20) kif intqal fuq jiġi illi l-ammont minnu dovut hu ta' mija, wieħed u għoxrin lira, għaxar xelini u tlett soldi (£121.10.3).

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi nomine u l-petizzjoni tagħhom għar-riforma tas-sentenza fuq indikata billi t-talba tiġi milqugħa fit-totalita tagħha fil-meritu, skond l-

att ta' ċitazzjoni, u revokata fil-kap tal-ispejjeż in kwantu kkundannathom iħallsu parti minnhom billi, inveċe, jiġi deċiż illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu kollha mill-konvenut.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li ssottometta illi dik is-sentenza hi ġusta u jisthoqqilha li tiġi konfermata.

Rat in-nota ta' l-appellanti nomine li biha rriduċew it-talba b'għoxrin lira (£20), iġifieri għas-somma ta' mitejn u wieħed u ħamsin lira, għaxar xelini u tlett soldi (£251. 10.3) korrispondenti għas-somma li ġiet akkordata mill-periti fl-imsemmija relazjoni tagħhom.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

It-talba ta' l-appellanti hi għal ħlas ta' mitejn u tliela u tmenin lira, tmien xelini u sitt soldi (£283.8.6) skond kont prodott bħala dokument "A" ma l-att ta' ċitazjoni. Dan il-kont jikkomprendi disgħa partiti u għal aħjar intelliġenza ta' dak li iktar il-quddiem jingħad jiswa li jiġi hawn traskritt.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | 2 Plinth in nero Belgio ... ... ... | £8 | 5 | 0 |
| 2. | 1 Door step and Plinth ... ... ... | 1 | 6 | 0 |
| 3. | 4 pieces white marble ... ... ... | 2 | 5 | 9 |
| 4. | 6 pieces white marble ... ... ... | 5 | 10 | 6 |
| 5. | Fixing only marble slabs ... ... ... | 1 | 10 | 6 |
| 6. | Supplying and fixing shop Front in Coloured Marble ... ... ... | 450 | 0 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. Supplying and fixing Dado in Red Marble ... ... ... ... ... ... | 67 | 17 | 6 |
| | £536 | 14 | 9 |
| Paid on account | 100 | 0 | 0 |
| 8. Supplying and fixing additional Portoro Marble ... ... ... ... ... | 16 | 13 | 0 |
| 9. Extra work and concrete due to alterations ... ... ... ... ... ... | 30 | 0 | 0 |
| | £484 | 8 | 6 |
| Paid on account on 19.9.51 | 200 | 0 | 0 |
| Balance due | £283 | 8 | 6 |

Il-konvenut allega — u dan irriżulta mid-dikjarazzjoni tiegħu — li għax-xogħlijiet barra miz-zokklatura, Joseph Spampinato għamel offerta li ġiet aċċettata; li għaz-zokklatura ġie miftiehem prezz ta' seba' xelini (7/-) il-pied, u li bil-ħlas ta' tlett mitt lira (£300), riżultanti mill-kont fuq riportat, hu ħallas il-prezz kollu dovut.

Skond il-perizja, il-prezz ġust taz-zokklatura (li hija l-partita numru 7 fil-kont fuq imsemmi), hu ta' sitta u ħamsin lira (£56) u skond ma xehed il-konvenut il-prezz miftiehem għax-xogħlijiet hu dak riżultanti mid-dokument "M" — dak fl-ewwel lok indikat — iġifieri tlett mija u għoxrin lira (£320). Għalhekk, skond il-konvenut, hu kellu jħallas tlett mija u sitta u sebgħijn lira (£376).

Pero, kif wieħed jista jirrikova mid-deposizzjoni ta' l-istess konvenut, dana ppretenda li kellu jimputa għal prezz dovut għax-xogħlijiet ħamsin lira (£50) li ħallas lil Emma-

nuele Busuttil għax-xogħol ta' "ferro-concrete" li dana għamel fil-faċċata u wkoll somma ta' tletin lira, erba' xelini u disgħa soldi (£30.4.9) li ħallas lid-ditta John Bezzina & Sons għal materjal fornit għall-istess faċċata. Dawn iż-żewġ ammonti, flimkien mat-tlett mitt lira (£300) li — fuq dan ma hemmx kwistjoni — il-konvenut ħallas, iġibu s-somma ta' tlett mija u tmenin lira, erbgħa xelini u disgħa soldi (£380.4.9). Hu għalhekk li l-konvenut ippretenda li ħallas kollox u li ma baqgħalu jgħati xejn; anzi, aċċettat dak li hu allega u li xehed, jiġi li hu ħallas erbgħa liri, erbgħa xelini u disgħa soldi (£4.4.9) iktar.

Mill-perizja rriżulta illi l-imsemmijin żewġ ammonti ta' ħamsin lira (£50) u ta' tletin lira, erbgħa xelini u disgħa soldi (£30.4.9) ġew minfuqa mħabba x-xogħol żejjed li kien hemm bżonn li jsir għal diffikultajiet li nqalgħu waqt ix-xogħol u li għalihom kien responsabbli l-konvenut; pero, fil-waqt li għalhekk m'għandiex tiġi mnaqsa s-somma ta' tletin lira (£30) għandha tiġi mnaqsa parti mis-somma ta' ħamsin lira (£50) għaliex dovuta għax-xogħol tal-"body" tal-"concrete" biex miegħu jitwaħħal l-irħam u x-xogħol ta' dan l-irħam dejjem jirrikiedi xogħol tal-"concrete" preliminari li fil-każ presenti kellu jsir għas-spejjeż ta' Joseph Spampinato Tabone. Skond il-perizzja, l-ispiża, kieku ma kienx rikjest dak ix-xogħol extra li ssemma, kienet tkun ta' għoxrin lira (£20); liema somma kwindi għandha tiġi mnaqsa mil-kont ta' l-attur, u għalhekk jiġi li l-konvenut, anki kieku kellha tiġi aċċettata l-pretensjoni tiegħu, jibqgħalu jħallas, ġja la darba ġja ħallas tlett mitt lira (£300), is-somma ta' sitta u ħamsin lira (£56).

Jekk, imbagħad, ma kienx hemm il-ftehim pretiż mill-konvenut, kif ikkonkludiet il-perizja, allura, skond l-istess perizja, is-somma li għada dovuta mill-konvenut hi dik li

tirriżulta mill-kont fuq imsemmi meno l-għoxrin lira (£20). parti mill-ħamsin lira (£50) li, skond il-perizja għandha tmur għak-kariku ta' Spampinato Tabone, u ħdax-il-lira, sbatax-il-xelin u sitt soldi (£11.17.6) li għandhom jiġu mnaqsa mill-partita numru 7, iġifieri wieħed u tletin lira, sbatax il-xelin u sitt soldi (£31.17.6), u kwindi jibqa dovut, stante l-ħlas ta' l-imsemmijin tliet mitt lira (£300), bilanċ ta' mitejn u wieħed u ħamsin lira u ħdax il-xelin (£251.11.0) li, minħabba fi żball fl-addizjoni tal-partiti fil-kont, għandu jitnaqqas b'disgħa soldi (9d.) u tibqa esattament is-somma ta' mitejn u wieħed u ħamsin lira, għaxar xelini u tlett soldi (£251.10.3) korrispondenti għas-somma li l-perizja rrikonoxxiet li għada dovuta mill-konvenut.

Pero, mill-fatt li l-konvenut ma għamel l-ebda lament kontra s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u min dak li hu ssottometta waqt it-trattazzjoni ta' dana l-appell, irriżulta li huwa llimita l-ftehim minnu pretiż għall-partita numru 6 u mhux ukoll għal partiti fin-numru 1 sal 5 inklusivament u fil-partiti numri 8 u 9 li, magħduda flimkien u ma l-ammont ta' sitta u ħamsin lira (£56.0.0) li skond il-pretensjoni oriġinali tiegħu kif intqal għadhom dovuti, iġibu s-somma ta' mija wieħed u għoxrin lira, għaxar xelini u tlett soldi (£121.10.3) korrispondenti eżattament għas-somma rikonoxxuta fis-sentenza appellata bħala dovuta mill-konvenut, billi dik is-sentenza laqgħet il-pretensjoni ta' ftehim akkampata mill-konvenut biss riferibilment għall-partita numru 6 u l-konklużżjonijiet tal-perizzja għal bqija — anki għal dak li jirrigwarda t-tletin lira tal-partita numru 9, għalkemm irrilevat li l-atturi misshom ġiebu iktar ġustifikazzjoni dwarha. Pero, għandu jiġi notat in rigward ta' dina l-osservazzjoni, li l-perit tekniku wasal għal konklużżjoni li din il-partita hi ġustifikata wara li kien ġie lilu spjegat f'hiex kien jikkonsisti x-xogħol "extra" u dan per-

mezz tax-xhieda ta' Giuseppe Farrugia li kien għamel l-istess xogħol.

Kwindi l-qofol tal-kwistjoni qiegħed f'li wieħed jara jekk tabilħaqq kienx hemm jew le l-ftehim pretiż mill-konvenut riferibilment għal-partita 6 fil-kont fuq ripoitat, iġifieri jekk kienx hemm ftehim li għas-"Supplying and fixing shop front in coloured marble" il-konvenut kellu iħallas il-prezz ta' tlett mija u għoxrin lira (£320). Jekk kien hemm dak il-ftehim allura s-sentenza ta' l-ewwel Qorti ma jkun jistħoqqilha l-ebda ċensura; jekk, inveċi ma kienx hemm dak il-ftehim u l-konvenut għandu jħallas anki għal din il-partita skond ix-xogħol li sar bi prezz ġust, l-appell ikun jistħoqqlu li jiġi milqugħ għaliex allura mas-somma fuq indikata ta' mija u wieħed u għoxrin lira, għaxar xelini u tliet soldi (£121.10.3) tkun trid tiżdied id-differenza bejn tlett mija u għoxrin lira (£320) u erbgħa mija u ħamsin lira (£450) jiġifieri mija u tletin lira (£130) u s-somma dovuta tiġi kwindi ta' mitejn u wieħed u ħamsin lira, għaxar xelini u tliet soldi (£251.10.3) eżattament korrispondenti għas-somma li għaliha l-atturi appellanti rriduċew it-talba kif jirriżulta min-nota tagħhom in data disgħa ta' Novembru, 1964.

L-atturi appellanti jilmentaw mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti li sostniet il-ftehim, in sostanza għaliex injorat il-konklużżjoni li fiha waslu l-periti u qadet unikament fuq ix-xhieda tal-konvenut, fil-waqt iċ-ċirkostanzi juru li dik ix-xhieda mhix versomili, anki għaliex, billi l-persuna li magħha sar il-pretiż ftehim ma setgħatx tixhed għaliex mejta, dik ix-xhieda għandha tittieħed b'ħafna ċirkospezzjoni, speċjalment in vista taċ-ċirkostanzi riżultati.

Dwar dan il-ftehim il-konvenut quddiem il-periti xehed

hekk: "L-ewwel id-desinjatur għamel 'sketch' tal-faċċata tal-vetrina bil-ħġieġa b'kollox; uriehieli u jiena approvajtha għax għoġbitni, imbagħad id-desinjatur ftihem ma Spampinato dwar l-irħam u Spampinato tagħni l-prezz, ċioe tagħni d-dokument "Reference No. 12628" li qiegħed nesibhixxi (markat mil-periti dok. "M") li minnu jiena għażilt l-ewwel stima ta' tlett mija u għoxrin lira (£320). Meta l-irħam wasal Malta ġie għandi u Spampinato beda x-xogħol wara xi żmien. Wara l-ftehim fuq il-prezz ta' tlett mija u għoxrin lira (£320) qatt ma kien hemm tibdil fil-ftehim tagħna".

L-imsemmi dokument "M", jikkontjeni tabilħaqq żewġ stimi għall-"Rivestimento dell'intera fronte del negozio" bl-irħam: l-ewwel waħda bil-prezz ta' tlett mija u għoxrin lira (£320) u t-tieni waħda, b'xi differenza fil-kwalita ta' l-irħam tal-kontorn, bil-prezz ta' mitejn u sebgħin lira (£270).

Dawn l-istimi saru minn Spampinato Tabone — kif jirriżulta mix-xhieda ta' Anastasio Anastasi u mid-dokumenti prodotti man-nota ta' l-atturi tat-tnax ta' Frar, 1958—wara li kien ġie ottenut mingħand id-ditta S. G. Montecatini ta' Carrara — mingħand min l-irħam ġie mpurtat — il-"preventivo" ossija stima jew prezz ta' mija u sittin lira (£160) għall-ewwel tip, u li meta dana ġie magħżul mil-konvenut bil-prezz ta' tlett mija u għoxrin lira (£320) li għamillu l-imsemmi Spampinato Tabone, ġie ordnat lid-ditta estera fuq imsemmija. In segwitu, pero, il-proġett oriġinali ġie rimpjazzat b'ieħor u d-ditta estera fuq riferita ġiet mitluba tagħti preventiv ieħor skond id-disinn il-ġdid li ġie lilha mibgħut u dik id-ditta għal dan id-disinn il-ġdid talbet il-prezz ta' mitejn u tletin lira (£230) F.O.B., u l-ordinazjoni ġiet magħmula lil dik id-ditta skond dan it-tieni disinn u

l-prezz ġdid għalih, u l-irħam li ġie mid-ditta estera spedit *u riċevut mil-konvenut, u li fil-fatt ġie poġġut fl-imsemmija* vetrina tiegħu, kien skond it-tieni disinn u l-istima li għalih kienet ġiet mitluba.

Kien għalhekk li l-periti waslu għal konklużżjoni illi, nonostante x-xhieda tal-konvenut, ma kienx hemm il-ftehim li l-prezz kellu jkun dak ta' tlett *mija u għoxrin* lira (£320) riżultanti mill-imsemmi dokument "M".

Il-konvenut *reġa xehed u qal: "Jiena ma għamilt l'eb*da alterazzjoni wara li aċċettajt dik l-offerta (ta' (£320). Ix-xogħol kellu jsir skond dik l-offerta. Jiena ma nafx illi Spampinato għamel irħam differenti li jista jiswa aktar. *Jiena ma kelli* x'naqsam xejn mad-ditta Anastasi. Spampinato qatt ma qalli li l-offerta ta' tlett mija u għoxrin lira (£320) kienet imbidlet. Jiena ma nifhimx fl-irħam. Id-desinjatur għal-faċċata tal-ħanut kien Sciortino u l-perit kien Degiorgio" — "Barra mill-ordni fuq l-istima ta' tlett mija u għoxrin lira (£320) jiena ma kelli ebda ftehim ieħor ma Spampinato. Lill-Anastasio Anastasi jiena qatt ma kellimtu fuq dan ix-xogħol. Lanqas qatt ma ġejt informat li Spampinato Tabone kien biddel l-ordni oriġinanli" — "Jiena nassigura illi l-mejjet Spampinato Tabone qatt ma qal li sejjer *ibiddel l-irħam li konna miftehim fuqu jew li sejjer* jagħmel xi xogħlijiet li jimpurtaw prezz aqwa min dak li ftehmna bejnietna".

L-ewwel Qorti aċċettat mingħajr esitazjoni x-xhieda tal-konvenut u ħassita moralment konvinta li l-konvenut *biha biss ipprova l-ftehim minnu allegat.*

Issa, hu veru li ma hemm l-ebda motiv fil-liġi l-għaliex għandha tiġi esklusa "a priori" it-testimonjanza ta' persu-

na waħda u hu veru ukoll li l-liberu apprezzament tad-deposizzjonijiet tax-xhieda hu mħolli lil arbitriju prudenti tal-ġudikant li ma għandu jsegwi ebda kriterju ieħor ħlief dak tal-konvinzjoni ntima tiegħu, iġifieri taċ-ċertezza morali; però ir-raġuni naturali trid illi meta ma jkunx hemm ħlief it-testimonjanza ta' persuna waħda l-ġudikant għandu jipproċedi bi prudenza kbira fl-apprezzament tagħha u jipponderaha sewwa billi jivvaluta ċ-ċirkostanzi kollha proprji biex jikkorroboraw jew jaffievolixxu l-motivi tal-kredibilita tagħha.

Fil-każ preżenti hemm ċirkostanzi, indizji u konġetturi, li ċertament ma jistgħux jiġu traskurati, li jindebolixxu t-testimonjanza tal-konvenut għaliex juru li almenu mhumiex probabili l-fatti minnu allegati in rigward tal-ftehim li jippretendi.

Inveru — u a parti l-fatt riżultanti mix-xhieda ta' l-Inġinier Degiorgio li kien hemm iktar min disinn wieħed u dak riżultanti mix-xhieda ta' Sciortino li l-konvenut kien jaf x'kien qiegħed isir għaliex indaħal fl-esekuzzjoni tax-xogħol, tant li skond il-perizzja kien hu li kkaġuna l-alterazzjonijiet strutturali tal-faċċata li għalihom b'dana kollu ried jirrendi responsabbili lil Spampinato Tabone, tant li pprova inaqqaslu mill-kont sittin lira, erba xelini u disgħa soldi (£60.4.9) — it-tletin lira, erbgħa xelini u disgħa soldi (£30.4.9) li ħallas lil John Bezzina & Sons u parti (£30) mill-ħamsin lira (£50) li ħallas lil Emmanuele Busuttil u a parti l-fatt li fil-bidu pprova jdaħħal fil-pretiż ftehim il-partiti kollha tal-kont, barra z-zokklatura, kif jirriżulta min dak li ġie rilevat fil-bidu ta' din is-sentenza — irriżulta assodat, permezz ta' dokumenti u ta' xhieda, li l-ewwelnett Spampinato Tabone talab il-fuq imsemmija ditta estera, permezz ta' l-aġent tagħha, biex tibatlu "preventivo" u dan

il-"preventivo" dik id-ditta batitulu fit-tmienja ta' April, 1949 kif jirrizulta mid-dokumenti. Imbagħad l-istess Spampinato Tabone, fl-erbatax ta' April, 1949, kif jirrizulta mid-dokument "M", għamel fuqu "preventivo" jew stima, naturalment bid-dovuti awmenti, li ssottometta lil konvenut, u, in segwitu, fis-sbatax ta' Mejju, 1949, l-istess Spampinato Tabone ordna l-irħam lid-ditta estera skond l-istima ta' tlett mija u għoxrin lira (£320) li hu kien għamel skond id-dokument "M" fuq il-"preventivo" ta' mija u sittin lira (£160) li dik id-ditta kienet bagħtitlu (xhieda ta' Anastasio Anastasi). Imbagħad il-proġett ġie mibdul u sar ieħor b'irħam differenti u l'aġent tad-ditta estera kitbilha, fis-sbatax ta' Settembru, 1949, "Che il progetto originale è stato rimpiazzato da un altro progetto" u akkluda "il nuovo disegno" u talabha tibgħatlu "un contra disegno scalato e colorato e quattro ristampe" u talabha ukoll "di urgenzare e spedire il nuovo preventino nella speranza di ottenere l'ordine". Fl-għaxra ta' Ottubru, 1949, id-ditta estera bagħtet "il nuovo preventivo" fis-somma ta' mitejn u tletin lira (£230) F.O.B. Fis-sebgħa ta' Novembru, 1949 Spampinato Tabone tah l-ordinazzjoni lil imsemmi aġent tad-ditta estera skond "il nuovo preventivo" ta' mitejn u tletin lira (£230) u dina l-ordinazzjoni ġiet mogħtija n-numru 573 u fuq il-"copy of order" hemm notat "This order replaces order No. 549" u fuq il "copy of order" tas-sbatax ta' Mejju, 1949, hemm notat "replaced by order 573". Fl-erbatax ta' Novembru 1949, dina t-tieni ordinazzjoni ġiet spedita lid-ditta estera flimkien ma l-ittra ta' l-aġent fejn jingħad "Siamo molto lieti dover informarvi che finalmente siamo riusciti ad accappare l'ordine per la mostra del negozio della "London Confectionery" alla Floriana." Fl-aħħarnett irrizulta illi l-irħam li ġie mibgħut mid-ditta estera u li ġiet riċevut mill-konvenut u li tqiegħed fil-post hu dak

skond din it-tieni ordni (xhieda ta' Anastasio Anastasi, u konstatazzjoni magħmula permezz tal-perizzja).

Min dawn iċ-ċirkostanzi kollha li ġew rilevati ma' jistax wieħed ma jargomentax almenu li ftehim definitiv fuq prezz fis-somma li t'ffigura fl-imsemmija stima (*Dok.* "M") ma kienx hemm. Huma ċertament jiddebolixxu ħafna x-xhieda tal-konvenut il għaliex jiġġeneraw almenu dubbju u dubbju serju li jirrendu mhux suffiċjentement pruvata l'allegazioni ta' l-istess konvenut li kien hemm dak il-ftehim, u allura, f'dawn iċ-ċirkostanzi, u billi fin-nuqqas ta' ftehim, skond il-perizzja, il-prezz mitlub skond il-kont fuq imsemmi hu ġust, it-talba kif ġiet ridotta għandha tiġi milqugħa.

Peress li t-talba kif formulata fl-att ta' ċitazzjoni hi għas-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin lira tmin xelini u sitt soldi (£283.8.6), fil-waqt li l-atturi nomine sejrin jottienu mitejn u wieħed u ħamsin lira, għaxar xelini u tlett soldi (£251.10.3) — billi, kif iktar il fuq ġie rilevat, għarraġunijiet mogħtija mil-periti, iridu jitnaqqsu ħdax l-lira, sbatax-il-xelin u sitt soldi (£11.17.6) mil-partita numru 7 u l-atturi nomine jridu jbatu għoxrin lira (£20) mil-ħamsin lira (£50) li l-konvenut ħallas lill-Emmanuele Busuttil, u fil-kont hemm żball ta' disgħa soldi (9d.) kontra l-konvenut — u peress li l-atturi nomine rriduċew f'din it-tieni istanza t-talba għas-somma li sejrin jottienu, hu ġust illi huma jbatu sehem proporzjonali mill-ispejjeż ta' l-ewwel istanza.

Għall-motivi premessi:

Tilqa' l-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza denunċjata billi tilqa' t-talba ta' l-atturi nomine limitatament għas-somma ta' mitejn u wieħed u ħamsin lira, għaxar xe-

lini u tlett soldi (£251.10.3) u tiċħadha għal bqija u tordna illi l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jitħallsu kwantu għal wieħed minn disgħa (1/9) mill-atturi nomine u kwantu għal tmienja minn disgħa (8/9) mill-konvenut, fil-waqt illi l-ispejjeż ta' din it-tieni istanza jitħallsu kollha mill-konvenut.